PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8236 — Vossloh Rail Services/Rhomberg Sersa Rail Holding/Rhomberg Sersa Vossloh (JV))

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 322/07)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Vossloh, AG ("Vossloh", il-Ġermanja),

— Rhomberg Sersa Rail Holding, GmbH ("Rhomberg Sersa", l-Awstrija),

— Rhomberg Sersa Vossloh, GmbH ("RSV", il-Ġermanja).

Vossloh — permezz tas-sussidjarja proprjetà tagħha kollha hi, Vossloh Rail Services GmbH (il-Ġermanja) — u Rhomberg Sersa jakkwsitaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' RSV. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Vossloh: manufattura tal-infrastruttura tal-ferroviji u t-teknoloġija tal-ferroviji; Produzzjoni ta' sistemi li jorbtu l-ferroviji flimkien, sistemi tas-switches u sistemi tas-sinjali, inkluza l-provvista ta' servizzi relatati;

— Rhomberg Sersa: fornitur ta' servizzi sħaħ fil-qasam tat-teknoloġija tal-ferroviji, tal-kostruzzjoni tal-ferroivji u tat-tagħmir; kostruzzjoni, rinnovazzjoni u manutenzjoni tal-linji tal-ferroviji, kostruzzjoni tal-ferroviji u t-tagħmir, provvista tal-enerġija tal-ferroviji, teknoloġija tal-komunikazzjoni u servizzi relatati;

— RSV: servizzi ta' spezzjonijiet u manutenzjoni għal switches għall-ferroviji industrijali u trasport lokali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8236 — Vossloh Rail Services/Rhomberg Sersa Rail Holding/Rhomberg Sersa Vossloh (JV)

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

L-indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË